**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 6 ta` Ottubru 2015**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 443/11 JZM**

**Mediterranea Distribuzione Srl, socjeta` estera registrata l-Italja bin-numru 02155040807 u bl-indirizz Bovalino Reggio Calabria, l-Italia Strada Statale 106KM**

***kontra***

**Dr. Richard Galea Debono bhala l-istralcjarju ta` IFIX TRADE LIMITED (C 38861)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-4 ta` Mejju 2011 li jaqra hekk –

*1. Peress li s-socjeta` attrici kienet tforni u tissupplixxi merkanzija*

*konsistenti f`prodotti ta` appliances domestici u ohrajn lis-socjeta` IFIX Trade Limited (IFIX). Ir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet kienet in parte taht kuntratt ta` konsenja ;*

*2. Peress li s-socjeta` attrici hija kreditrici ta` IFIX fl-ammont kumplessiv ta` €1,235,139.5 : kwantu ghall-disgha mija wiehed u tletin elf sitt mija u hamsa u disghin Ewro u disgha u sittin Ewro centezmi (€931,695.69) rapprezentanti l-prezz ta` merkanzija mibjugha lil IFIX mhux imhallsa skond decizjoni tal-15 ta` Dicembru 2009 fl-ismijiet Mediterranea Distribuzione Srl vs IFIX Trade Limited Cit. Nru. 575/09 JRM ; u kwantu ghall-bilanc ta` €303,443.81 rapprezentanti l-valur ta` merkanzija li s-socjeta` attrici ghaddiet fil-pussess ta` IFIX taht konsenja sabiex IFIX tbigh l-istess lil terzi mill-istabbiliment li kien mikri lilha, u cioe` 'Gio Casa' f`Millennia, Triq Aldo Moro, Marsa – skond kif deciz fit-30 ta` Marzu 2011, fil-kawza fl-ismijiet Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi et Cit Nru 576/2009 (pendenti Appell) ;*

*3. Peress illi IFIX saret insolventi tant li fit-2 ta` Marzu 2010 din l-Onorabbli Qorti, fl-atti tar-rikors numru 566/09/JZM fl-ismijiet "Charles Farrugia (ID 483452M) bhala Direttur uniku tal-kumpannija IFIX TRADE LIMITED (C38861) vs IFIX TRADE LIMITED (C 38861)" ordnat ix-xoljiment ta` IFIX kif ukoll l-istralc taghha u hatret lil Dottor Richard Galea Debono bhala stralcjarju ;*

*4. Peress illi permezz ta` rikors prezentat fis-7 ta` Settembru 2009, l-istralcjarju, l-Avukat Richard Galea Debono, li dak iz-zmien kien l-Amministratur Provvizorju, talab illi jigi awtorizzat ibiegh l-beni mobbli tal-kumpannija IFIX jew li kienu fil-pussess taghha ;*

*5. Peress illi permezz ta` digriet moghti fit-22 ta` Settembru 2009 l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-Amministratur Provvizorju ibiegh l-beni mobiljari fuq (4) imsemmija ;*

*6. Peress illi meta l-Amministratur Provvizorju biegh dawn il-beni mobbiljari kollha fil-pussess ta` IFIX, kien hemm xi merkanzija li fil-fatt kienet tappartjeni lil Mediterranea stante li kienet ghand IFIX on consignment (kif inghad sopra 1 ; 2) u ghalhekk ir-rikavat mill-bejgh tal-istess merkanzija (li gie identifikat distint u separat mir-rimanenti rikavat) jappartjeni u hu dovut lis-socjeta` attrici u mhux lil IFIX ;*

*7. Peress illi din il-pretensjoni tas-socjeta` attrici fir-rigward tal-imsemmija merkanzija mhix formalment rikonoxxuta fil-proceduri tal-istralc hawn fuq imsemmija ;*

*8. Peress illi permezz ta` provvediment moghti fil-5 ta` April 2011 fl-atti tal-istralc ta` IFIX, l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili, stabbiliet zmien perentorju ta` xahar sabiex is-socjeta` attrici tiddeduci permezz ta` kawza "ad hoc", il-pretensjonijiet taghha li l-merkanzija fuq imsemmija taht consignment, li biegh l-amministratur provizorju kienet tappartjeni lilha jew in toto, (kopja tal-provediment qed jigi hawn anness u markata bhala Dok A ;*

*9. Peress illi ghalhekk is-socjeta` attrici qed tintavola l-kawza odjerna ;*

*10. Peress illi l-pretenzjoni tas-socjeta` attrici, li hija proprjetarja ta` dik il-merkanzija mghoddija fil-pussess ta` IFIX taht konsenja, kienet mertu ta` kawza ohra quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi et bin-numru 576/09/RCP ;*

*11. Peress illi l-imsemmija kawza numru 576/09/RCP giet deciza fit-30 ta` Marzu 2011 u dan billi l-Onorabbli Qorti Civili laqghat it-talba attrici u ddikjarat fost affarijiet ohra illi dik il-merkanzija li Mediterranea tallega hija taghha fil-fatt ghaddiet ghand IFIX on consignment u ghalhekk kienet ghadha tappartjeni lil Mediterranea; kopja tas-sentenza msemmija hawn annessa markata Dok B (per decizjoni pendenti appell) ;*

*12. Peress illi l-meritu ta` dik il-kawza kien jikkoncerna fondamentalment il-kwistjoni ta` min kien il-proprjetarju tal-merkanzija msemmija. Il-kwistjoni kienet jekk dik il-merkanzija kenitx mibghuta minn Mediterranea taht kuntratt ta` consignment jew inkella taht kuntratt ta` bejgh. Il-Qorti semghet lil IFIX, semghet lil Mediterranea u gie deciz illi apparti lil Jovin Ltd. u lil Unitrade Ltd. u lil terzi ukoll u ddecidiet illi l-merkanzija kienet "on consignment". Il-meritu ta` dik il-kawza ghalhekk huwa l-meritu li din il-Qorti tixtieq li tigi trodotta f`dawn il-proceduri ta` stralc. Jinghad ghal kull buon fini, illi l-merce in kwistjoni hija l-merce deskritta minn l-istralcjarju Dr. Richard Galea Debono bhala merce li kienet mizmuma distinta minn merce ohrajn ikkunsidrati korrettament bhala mibjugha minn Mediterranea lil IFIX. Dan il-process tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghalhekk jikkostitwixxi res gudikata li hemm salv appell, ipprezentat u pendenti bejn il-partijiet relevanti u ghalhekk ghandu jservi bhala gudizzju fil-kawza – dejjem soggett ghall-appell ;*

*13. Peress illi jkun hemm proceduri identici quddiem din il-Qorti ghall-istess materja ghalhekk mhuwiex ragonevoli jew rikjest. Ghal varji ragunijiet legali u ekonomici ;*

*14. Peress illi in vista tas-sentenza hawn fuq imsemmija, ir-rikavat fil-kuntest ta` l-istralc mill-bejgh tal-merkanzija li kienet fil-pussess tal-IFIX on consignment, liema rikavat jammonta ghall-Ewro 173,519.98 skond l-informazzjoni supplita mill-Avukat Richard Galea Debono, kif jirrizulta minn Dok C hawn anness, ma jistax u m`ghandux jitqies bhala parti mill-assi ta` IFIX Trade Ltd. izda ghandu jigi meqjus bhala appartenenti lil u mhallas lil Mediterranea bhala s-sid tal-imsemmija merkanzija ;*

*Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tiddeciedi u tiddikjara illi s-sentenza moghtija nhar it-30 ta` Marzu 2011, mill-ewwel Onorabbli Qorti Civili, fl-ismijiet Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi et bin-numru 576/09/RCP ghandha tigi rikonoxxuta b`mod formali fil-proceduri tal-istralc tal-kumpannija IFIX Trade Limited (C38861) in kwantu dik il-parti tas-sentenza fejn gie deciz illi l-merkanzija in kwistjoni ghaddiet ghand IFIX taht konsenja u ghalhekk tappartjeni lil Mediterranea ;*

*2. Tiddeciedi u tiddikjara li r-rikavat mill-bejgh tal-merkanzija li kienet fil-pussess tal-IFIX on consignment, liema rikavat jammonta ghall-Ewro 173,519.98 skond l-informazzjoni supplita mill-avukat Richard Galea Debono, jappartjeni lill-Mediterranea Distribuzione bhala s-sid tal-merkanzija hawn fuq imsemmija u dana minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe ammont iehor dovut lir-rikorrenti taht l-istess titolu jew raguni ;*

*3. Tordna l-istralcjarju jhallas lil Mediterranea Distribuzione Srl, fiz-zmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, is-somma ta` Ewro 173,519.98 rapprezentanti r-rikavat mill-bejgh tal-istess merkanzija fil-kuntest tal-istralc bl-interessi ta` 8%, liema flus gia jinstabu fil-pussess ta` l-istralcjarju u dana minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe ammont iehor dovut lir-rikorrenti taht l-istess titolu jew raguni.*

*Il-konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-<u>13 ta` Gunju 2011</u> li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament irid jigi rilevat illi trattandosi ta` socjeta` estera, l-attrici tehtieg rapprezentanza gudizzjarja fizika go Malta. Ghaliex l-artikolu 181 tal-Kap. 12 jiddisponi li persuni assenti minn Malta iridu jkunu rapprezentati minn prokuratur. Dan jinghad kemm ghall-korrettezza procedurali kif ukoll minhabba xi kwistjoni eventwali ta` spejjez u responsabbilta` ghalihom. Inoltre, mill-kopja moghtija lill-esponent, ma jirrizultax l-isem tal-persuna li hadet il-gurament, u lanqas jirrizulta li l-gurament ittiehed. (Avolja dan l-ahhar jista` jkun illi l-mankanza tinsab aktarx biss fuq il-kopja moghtija lill-esponent u mhux ukoll fuq l-original.)*

*2. (a) Fil-mertu, l-ewwel talba hija proceduralment u guridikament insostenibbli u ghandha tigi michuda bl-ispejjez. L-attrici qeghda titlob illi sentenza fi proceduri illi l-esponent ma kienx parti fihom tigi dikjarata bhala effettiva u vinkolanti fuq l-esponent. Din hi haga legalment impossibbli. Li kieku kienet possibbli, kienet tkun hekk ex lege, u din il-procedura kienet tkun superfluwa. L-uniku motiv il-ghala din il-Qorti, bid-digriet taghha tal-5 ta` April 2011 ordnat lill-attrici sabiex tiftah din il-kawza, kien precizament u korrettement il-ghala s-sentenza <u>tat-30 ta` Marzu 2011 fil-kawza fl-ismijiet Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi citazzjoni numru 576/2009 RCP</u>, ma tista` qatt tikkostitwixxi res iudicata fil-konfront tal-esponent, u dan ghaliex filwaqt illi l-elementi ta` eadem res u eadem causa litigandi, jistghu jkunu sodisfatti, certament ma jigix soddisfat l-element ta` eadem persona, billi IFIX Trade Limited jew l-esponent fil-kapacita` tieghu ta` stralcjarju tal-istess qatt ma kienu parti f`dawk il-proceduri.*

*(b) Illi inoltre, it-talba attrici kif formulata tigi se mai intempestiva, ghaliex ex admissis dik l-istess sentenza tinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.*

*3. Isegwi minn dan illi anke t-tieni talba attrici kif formulata ma tistax tirnexxi u trid ukoll tigi michuda. Biex tigi milqugha t-tieni talba, din il-Qorti trid tkun laqghet l-ewwel talba, li mkien ma talbet lil din il-Qorti sabiex HI tiddeciedi illi l-merkanzija in kwistjoni tifforma parti mill-assi ta` Mediterranea Distribuzioni srl, u ghalhekk ma tifformax parti mill-assi tal-istralc. Din it-talba qeghda tassumi illi s-sentenza fuq imsemmija ser tigi awtomatikament enforzata f`dawn il-proceduri, haga li kif gja eccepit, hija legalment impossibbli. Din it-talba hija ghalhekk ukoll insostenibbli u trid tigi michuda.*

*4. Ghall-istess motivi, trid tigi michuda t-tielet talba billi din issegwi l-katina tal-ewwel tnejn.*

*5. Illi fl-ahjar ipotesi ghas-socjeta` attrici, din trid iggib il-provi kollha pertinenti sabiex turi illi l-merce in kwistjoni hija tassew proprjeta` taghha u li kienet hekk minn qabel l-istralc.*

*6. Fil-mertu tal-kwistjoni u tal-fatti, l-esponent jikkontesta illi l-merce in kwistjoni tappartjeni lis-socjeta` attrici fi kwalunkwe kaz, billi hemm indizji cari li juru illi din il-merce kienet effettivament giet mibjugha lil IFIX Trade Limited, u ghalhekk is-socjeta` attrici hija kreditrici bhall-ohrajn fir-rigward tal-prezz tal-merce in kwistjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2011 fejn, wara talba mill-kumpannija attrici, ordnat il-presentata ta` kopja tax-xiehda kollha li nstemghet, u tad-dokumenti kollha li kienu esebiti, fil-kawza fl-ismijiet *Mediterranea Distribuzione srl vs Jovan Mizzi et – Rik Gur Nru 576/2009 RCP* - li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

Rat l-atti kollha li kienu esebiti skond id-digriet taghha tal-20 ta` Gunju 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Paul Scicluna, ta` Barbara Ferrigno, ta` Francesco Iozzi u ta` Charles Farrugia fl-udjenza tat-8 ta` Novembru 2011 u rat id-dokumenti li kienu esebiti.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat is-socjeta` attrici fil-15 ta` Dicembru 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Dr Jean Carl Farrugia, ta` Ruth Montebello, u ta` Charles Farrugia fl-udjenza tas-16 ta` Frar 2012.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-11 ta` Gunju 2012, wara talba tal-konvenut, li ma kenitx opposta mis-socjeta` attrici, fejn idderigiet lid-difensuri sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-fomm dwar l-ewwel eccezzjoni, u wara tghaddi ghas-sentenza limitatament dwar l-ewwel eccezzjoni.

**Rat is-sentenza parzjali li tat fis-16 ta` Lulju 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet l-ewwel eccezzjoni, spejjez ghall-konvenut.**

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensuri dwar il-mertu fl-udjenza tal-11 ta` Ottubru 2012.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**II. <u>Generali</u>**

**L-inkartament ta` din il-kawza jaqbez l-1500 pagna.**

**Il-bicca l-kbira huma kopji ta` atti mill-kawza fl-ismijiet *Mediterranea Distribuzione srl vs Jovan Mizzi et (Rik Gur Nru 576/2009 RCP)* li s-socjeta` attrici thalliet minn din il-Qorti li tipprezenta ghall-fini ta` din il-kawza, wara talba specifika li ghamlet is-socjeta` attrici fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2011.**

**Il-hsieb wara l-presentata ta` dawk l-atti kien sabiex dawn jikkostitwixxu prova fil-kawza tal-lum. Anke wara li hadet vizjoni ta` l-inkartament, il-Qorti mhijiex sejra tirreferi ghalih fid-dettall tieghu, in vista tan-natura tat-talbiet li ghamlet is-socjeta` attrici fil-kawza tal-lum, u tan-natura ta` l-eccezzjonijiet li gab il-konvenut kontra dawk it-talbiet.**

**It-talbiet attrici kienu preceduti minn kawzali. Il-kompitu tal-Qorti huwa fl-ewwel lok illi tistharreg jekk il-kawzali proposti mis-socjeta` attrici jwasslux ghat-talbiet, u fit-tieni lok illi tqis il-fondatezza tat-talbiet wara li tqis l-eccezzjonijiet li bihom il-konvenut laqa` ghal dawk it-talbiet.**

**Mhuwiex lecitu li parti fil-kawza – tkun min tkun – tistenna jew tippretendi li l-Qorti tista` jew ghandha tinvestiga `l hinn mill-kawzali u t-talbiet (fejn jirrigwarda l-attrici), u `l hinn mill-eccezzjonijiet (fejn jirrigwarda l-konvenut). Anzi l-Qorti ghandha ghandha tieqaf u ma tmurx oltre l-kawzali, it-talbiet u l-eccezzjonijiet.**

## III. L-ewwel talba

**L-ewwel talba taqra** :-

*Tiddeciedi u tiddikjara illi s-sentenza moghtija nhar it-30 ta` Marzu 2011, mill-ewwel Onorabbli Qorti Civili, fl-ismijiet Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi et bin-numru 576/09/RCP ghandha tigi rikonoxxuta b`mod formali fil-proceduri tal-istralc tal-kumpannija IFIX Trade Limited (C38861) in kwantu dik il-parti tas-sentenza fejn gie deciz illi l-merkanzija in kwistjoni ghaddiet ghand IFIX taht konsenja u ghalhekk tappartjeni lil Mediterranea.*

**Is-socjeta` attrici ressqet it-talba abbazi ta` dawn il-kawzali** :-

*10. Peress illi l-pretenzjoni tas-socjeta` attrici, li hija proprjetarja ta` dik il-merkanzija mghoddija fil-pussess ta` IFIX taht konsenja, kienet mertu ta` kawza ohra quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi et bin-numru 576/09/RCP ;*

*11. Peress illi l-imsemmija kawza numru 576/09/RCP giet deciza fit-30 ta` Marzu 2011 u dan billi l-Onorabbli Qorti Civili laqghat it-talba attrici u ddikjarat fost affarijiet ohra illi dik il-merkanzija li Mediterranea tallega hija taghha fil-fatt ghaddiet ghand IFIX on consignment u ghalhekk kienet ghadha tappartjeni lil Mediterranea; kopja tas-sentenza msemmija hawn annessa markata Dok B (per decizjoni pendenti appell) ;*

*12. Peress illi l-meritu ta` dik il-kawza kien jikkoncerna fondamentalment il-kwistjoni ta` min kien il-proprjetarju tal-merkanzija msemmija. Il-kwistjoni kienet jekk dik il-merkanzija kenitx mibghuta minn Mediterranea taht kuntratt ta` consignment jew inkella taht kuntratt ta` bejgh. Il-Qorti semghet lil IFIX, semghet lil Mediterranea u gie deciz illi apparti lil Jovin Ltd. u lil Unitrade Ltd. u lil terzi ukoll u ddecidiet illi l-merkanzija kienet "on consignment". Il-meritu ta` dik il-kawza ghalhekk huwa l-meritu li din il-Qorti tixtieq li tigi trodotta f`dawn il-proceduri ta` stralc. Jinghad ghal kull buon fini, illi l-merce in kwistjoni hija l-merce deskritta minn l-istralcjarju Dr. Richard Galea Debono bhala merce li kienet mizmuma distinta minn merce ohrajn ikkunsidrati korrettament bhala mibjugha minn Mediterranea lil IFIX. Dan il-process tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghalhekk jikkostitwixxi res gudikata li hemm salv appell, ipprezentat u pendenti bejn il-partijiet relevanti u ghalhekk ghandu jservi bhala gudizzju fil-kawza – dejjem soggett ghall-appell ;*

*13. Peress illi jkun hemm proceduri identici quddiem din il-Qorti ghall-istess materja ghalhekk mhuwiex ragonevoli jew rikjest. Ghal varji ragunijiet legali u ekonomici.*

**<u>Il-konvenut laqa` għall-ewwel talba bit-tieni eccezzjoni</u> :-**

*2. (a) Fil-mertu, l-ewwel talba hija proceduralment u guridikament insostenibbli u għandha tigi michuda bl-ispejjez. L-attrici qegħda titlob illi sentenza fi proceduri illi l-esponent ma kienx parti fihom tigi dikjarata bħala effettiva u vinkolanti fuq l-esponent. Din hi haga legalment impossibbli. Li kieku kienet possibbli, kienet tkun hekk ex lege, u din il-procedura kienet tkun superfluwa. L-uniku motiv il-għala din il-Qorti, bid-digriet tagħha tal-5 ta` April 2011 ordnat lill-attrici sabiex tiftaħ din il-kawza, kien precizament u korrettement il-għala s-sentenza <u>tat-30 ta` Marzu 2011 fil-kawza fl-ismijiet Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi citazzjoni numru 576/2009 RCP</u>, ma tista` qatt tikkostitwixxi res iudicata fil-konfront tal-esponent, u dan għaliex filwaqt illi l-elementi ta` eadem res u eadem causa litigandi, jistgħu jkunu sodisfatti, certament ma jigix soddisfat l-element ta` eadem persona, billi IFIX Trade Limited jew l-esponent fil-kapacita` tiegħu ta` stralcjarju tal-istess qatt ma kienu parti f`dawk il-proceduri.*

*(b) Illi inoltre, it-talba attrici kif formulata tigi se mai intempestiva, għaliex ex admissis dik l-istess sentenza tinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.*

**Wara li rat l-atti tal-kawza, issib li t-tieni eccezzjoni hija fattwalment u legalment korretta, kif daqstant hija legalment insostenibbli l-ewwel talba.**

Il-pretensjoni tas-socjeta` attrici hija li s-sentenza fl-ismijiet *Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi citazzjoni numru 576/2009 RCP* tagħmel stat fil-konfront tal-konvenut odjern u tikkostitwixxi *res judicata.*

Il-fatti li jirrizultaw mill-provi juru xort`oħra.

Fl-ewwel lok is-sentenza fil-kawza *Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi citazzjoni numru 576/2009 RCP* mhijiex gudikat għaliex minn dik is-sentenza fl-ewwel istanza, kien hemm appell u l-kawza hija differita għas-sentenza għat-30 ta` Ottubru 2015. Sentenza tgħaddi in gudikat meta ma hemmx izjed appell minnha. Fil-kaz tal-lum ma jirrizultax illi huwa hekk il-kaz.

Fit-tieni lok, anke li kieku għall-argument il-kawza *Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi citazzjoni numru 576/2009 RCP* kienet gudikat, is-sentenza ma tistax tikkostitwixxi stat fil-konfront tal-konvenut odjern. Huwa magħruf li l-elementi tal-gudikat huma li s-sentenza trid tkun ingħatat f`kawza bejn l-istess persuni (*eadem personam*) fuq l-istess soggett

(*eadem res*) u ghall-istess kawzali (*eadem petendi*) [ara : Qorti tal-Appell : 5 ta` Ottubru 1998 : "**Joseph Camilleri vs Lilian Mallia**"]. Sabiex ikun hemm *res judicata* jehtieg li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru, ghax fin-nuqqas, ma jkunx jista` jinghad li l-haga hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*).

Fil-kaz tal-kawza *Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi citazzjoni numru 576/2009 RCP* huwa car u manifest illi l-partijiet kienu Mediterranea Distribuzione Srl, Jovan Mizzi u Unitrade Limited biss u mhux IFIX Trade Limited ukoll. Skond l-Art 237 tal-Kap 12, "*is-sentenza ma tista' qatt tkun ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunux parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza*". Jinghad fis-sentenza tat-23 ta` Mejju 1944 fil-kawza "**Joseph Spiteri pro et noe vs Edoardo Busuttil et**" illi "*biex tkun gudikat, is-sentenza trid tkun moghtija f'kawza fejn kienu prezenti l-partijiet kollha li jidhru fil-kawza* sussegwenti, jigifieri li huwa mehtieg l-element ta' l-*eadem personae*, apparti l-elementi l-ohra li huma wkoll mehtiega". Tissokta tafferma s-sentenza ohra tat-22 ta' Mejju, 1958 fil-kawza "**Concetta Farrugia vs Giorgio Gauci et**" fuq it-taghlim tal-**Baudry** ("**Obbligazioni**", Vol. IV, para. 2686) illi "*gli effetti della sentenza sono limitati alle parti in causa, come gli effetti delle convenzioni si limitano alle parti contraenti – 'res inter alios acta vel judicata aliis nec nocere nec prodesse potest'.*" Billi fil-kaz tal-lum, l-element tal-*eadem personam* huwa nieqes, anke li kieku kellha l-Qorti tal-Appell fil-kawza *Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi citazzjoni numru 576/2009 RCP* tikkonferma s-sentenza tal-ewwel istanza, dak il-gudikat ma jaghmlix stat fil-konfront tal-konvenut fil-kawza tal-lum.

**Ghalhekk, filwaqt illi l-Qorti qeghda tilqa` it-tieni eccezzjoni, qeghda tichad l-ewwel talba attrici.**

## IV. It-tieni talba

**It-tieni talba taqra** :-

*Tiddeciedi u tiddikjara li r-rikavat mill-bejgh tal-merkanzija li kienet fil-pussess tal-IFIX on consignment, liema rikavat jammonta ghall-Ewro 173,519,98 skond l-informazzjoni supplita mill-avukat Richard Galea Debono, jappartjeni lill-Mediterranea Distribuzione bhala s-sid tal-merkanzija hawn fuq imsemmija u dana minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe ammont iehor dovut lir-rikorrenti taht l-istess titolu jew raguni.*

**Is-socjeta` attrici ressqet it-talba abbazi ta` din il-kawzali** :-

*14. Peress illi in vista tas-sentenza hawn fuq imsemmija, ir-rikavat fil-*

*kuntest ta` l-istralc mill-bejgh tal-merkanzija li kienet fil-pussess tal-IFIX on consignment, liema rikavat jammonta ghall-Ewro 173,519.98 skond l-informazzjoni supplita mill-Avukat Richard Galea Debono, kif jirrizulta minn Dok C hawn anness, ma jistax u m`ghandux jitqies bhala parti mill-assi ta` IFIX Trade Ltd. izda ghandu jigi meqjus bhala appartenenti lil u mhallas lil Mediterranea bhala s-sid tal-imsemmija merkanzija.*

1) **<u>It-tielet eccezzjoni</u>**

**<u>Il-konvenut laqa` ghat-tieni talba fuq il-pjan tad-dritt bit-tielet eccezzjoni, waqt li fuq il-pjan fattwali bil-hames u s-sitt eccezzjonijiet</u>** **:-**

*3. Isegwi minn dan illi anke t-tieni talba attrici kif formulata ma tistax tirnexxi u trid ukoll tigi michuda. Biex tigi milqugha t-tieni talba, din il-Qorti trid tkun laqghet l-ewwel talba, li mkien ma talbet lil din il-Qorti sabiex HI tiddeciedi illi l-merkanzija in kwistjoni tifforma parti mill-assi ta` Mediterranea Distribuzioni srl, u ghalhekk ma tifformax parti mill-assi tal-istralc. Din it-talba qeghda tassumi illi s-sentenza fuq imsemmija ser tigi awtomatikament enforzata f`dawn il-proceduri, haga li kif gja eccepit, hija legalment impossibbli. Din it-talba hija ghalhekk ukoll insostenibbli u trid tigi michuda.*

*5. Illi fl-ahjar ipotesi ghas-socjeta` attrici, din trid iggib il-provi taghha kollha pertinenti sabiex turi li l-merce in kwistjoni hija tassew propjeta` taghha u li kienet hekk minn qabel l-istralc.*

*6. Fil-mertu tal-kwistjoni u tal-fatti, l-esponent jikkontesta illi l-merce in kwistjoni tappartjeni lis-socjeta` attrici fi kwalunkwe kaz, billi hemm indizji cari li juru illi din il-merce kienet effettivament giet mibjuggha lil IFIX Trade Limitied, u ghalhekk is-socjeta` attrici hija kreditrici bhall-ohrajn fir-rigward tal-prezz tal-merce in kwistjoni.*

**<u>Dwar it-tielet eccezzjoni</u>**, il-Qorti tghid illi ghalkemm huwa evidenti li s-socjeta` attrici impostat il-kawza tal-lum konfortata mill-esitu tas-sentenza tal-ewwel istanza tat-30 ta` Marzu 2011 fil-kawza *Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi citazzjoni numru 576/2009 RCP*, hija mhijiex tikkondividi l-fehma tal-konvenut, kif indirettament espressa fit-tielet eccezzjoni, illi fil-kaz li tkun respinta l-ewwel talba, kellha tkun michuda t-tieni talba wkoll. Qeghda tghid dan ghaliex ghalkemm il-Qorti tirriafferma l-principju illi anke jekk l-esitu finali tal-kawza *Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi citazzjoni numru 576/2009 RCP* ikun favur is-socjeta` attrici, dak l-esitu m`ghandux stat fil-konfront tal-konvenut, xorta wahda tghid illi t-tieni talba kif dedotta ghandha esistenza awtonoma mill-ewwel talba fis-sens illi l-Qorti mhijiex tara t-tieni talba bhala konsegwenzjali ghall-ewwel talba. Infatti kuntrarjament ghal dak rilevat mill-konvenut, is-socjeta` attrici fit-tielet domanda talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi li l-merkanzija li biegh l-istralcjarju kienet propjeta`

taghha (mhux tal-kumpannija xjolta) u kwindi r-rikavat ta` l-bejgh li sar mill-istralcjarju kien jappartjeni lilha u mhux lill-kumpannija xjolta. Dan ikompli jeskludi l-pretensjoni tal-konvenut li bit-tieni talba s-socjeta` attrici kienet qeghda tippretendi li din il-Qorti ghandha sservi semplicement ta` *rubber stamp* tas-sentenza l-ohra.

**Ghalhekk t-tielet eccezzjoni qeghda tkun <u>michuda</u>.**

**2) <u>Il-mertu tat-tieni talba</u>**
**<u>u l-hames u s-sitt eccezzjonijiet</u>**

It-tieni talba trid tkun ippruvata mis-socjeta` attrici fuq il-mertu taghha – dan b`riferenza ghall-hames eccezzjoni.

**a) <u>Provi</u>**

Il-provi **<u>rilevanti</u>** ghall-fini tat-tieni talba kienu dawn :-

**1.** A fol 50 sa 52, kien ipprezentat il-kuntratt ghall-kostituzzjoni ta` debitu datat 8 ta` April 2009 bejn is-socjeta` attrici (creditor), FFC Trust Services Limited (trust) u s-socjeta` IFIX Trade Limited ('**<u>IFIX</u>**') [debtor].

Fil-kuntratt, kien miftiehem hekk :-

*(i) In virtue of this present agreement, the Debtor hereby acknowledges and accepts that it is a debtor of the Creditor for the amont of 700,000 Euros, representing the price of goods sold by the creditor to the debtor. This amount of 700,000 Euro is certain, liquid an due and represents goods sold and delivered to the debtor and in turn sold to third parties ;*

*(ii) Moreover the debtor acknowledges that the creditor has delivered to the debtor`s warehouse in Marsa, Malta, goods having the value of circa 535,139.50 Euro (which amount shall be determined accurately following a stock take of the said goods to be carried out by the creditor and the debtor not later than the 21st April 2009) …*

**2.** Il-kawza tal-lum tittratta biss dwar l-item *(ii)* tal-kuntratt.

**3.** A fol 53 sa fol 82, kien ipprezentat **<u>inventarju tal-merkanzija</u>** li,

skond is-socjeta` attrici, hija ghaddiet lis-socjeta` IFIX. Id-dokument kien prezentat fil-kawza *Mediterranea Distribuzione Srl vs Jovan Mizzi citazzjoni numru 576/2009 RCP* ("**il-kawza l-ohra**"). L-inventarju huwa lista ta` oggetti minghajr prezzijiet jew valuri.

**4.** Fil-kawza l-ohra kienet ipprezentata x-xiehda bl-affidavit ta` **Francesco Iozzi**. Kopja ta` din ix-xiehda kienet ipprezentata fil-kawza tal-lum (ara fol 111 sa fol 113).

**Fil-qosor**, Iozzi xehed illi huwa l-impjegat tas-socjeta` attrici li kien inkarikat biex jaghmel inventarju fl-imhazen ta` IFIX skond l-item *(ii)* fuq riferita tal-kuntratt. Kellu wkoll l-inkariku illi hekk kif jistabilixxi liema kienu l-oggetti appartenenti lis-socjeta` attrici, allura jibghathom lis-socjeta` attrici fl-Italja. Ighinu fix-xoghol kien hemm impjegat iehor tas-socjeta` attrici, Massimo Albanese. Kollox sar fil-presenza ta` rapprezentanti u impjegati ta` IFIX. Dan kien fl-20 ta` Mejju 2009. Sar l-ippakkjar tat-TVC u LCD li kellhom jitghabbew fuq trakk biex jigu trasportati. L-istock take ma tlestiex kollu dakinhar billi l-impjegati ta` IFIX ma kellhomx struzzjonijiet biex ighinuhom. Ghalhekk komplew bl-istock take u l-packing l-ghada 21 ta` Mejju 2009. Anke dakinhar, fil-presenza tas-sid Giovanna Benincasa, l-impjegati ta` IFIX ma ghenuhomx, izda mbaghad, meta ma kenitx prezenti, l-impjegati kkoperaw maghhom. Ix-xoghol ma tlestiex dakinhar u kompla l-ghada 22 ta` Mejju 2009. Kollox tlesta sas-2.30 p.m. u stabbilixxa li l-valur tal-oggetti skond l-stock take li kellhom imorru lura l-Italja kien ta` €303,443.81. Hu u zewg impjegati ohra tas-socjeta` attrici telqu lejn Katanja bl-ajru, u baqa` Malta x-xufier Pasquale Romano sabiex igorr ix-xoghol. Meta cempel lil Romano, dan qallu li wara diskussjoni mqanqla li kien hemm bejn is-sid tal-post Jovan Mizzi u s-sidien tan-negozju ta` IFIX Mario u Giovanna Benincasa ma kienx thalla jghabbi x-xoghol biex imur lejn l-Italja. In segwitu dahlet fil-kwistjoni Barbara Ferrigno direttur tas-socjeta` attrici li minn hemm mexxiet hi. Jidher li x-xoghol ma kienx intbaghat ghaliex dahlu fix-xena diversi krendituri ohra ta` IFIX fosthom Jovan Mizzi. Fuq l-oggetti mertu tal-inventarju huwa qieghed tabella bit-Taljan u bl-Ingliz li tghid illi fit-22 ta` Mejju 2009 sar inventarju u li l-oggetti kienu propjeta` ta` s-socjeta` attrici.

**5.** L-istess xhud wiegeb ghal domandi li saru mill-konvenut.

Qal illi huwa struzzjonijiet sabiex jaghmel 'stock-take', inventarju u jirtira l-merkanzija. Huma kellhom lista tal-merkanzija supplita u mhux mibjugha. Li kellu jsir min-naha tieghu kien illi jqabbel li se jsib mal-lista tieghu, u jiehu lura x-xoghol.

**6.** Fil-kawza l-ohra kienet ipprezentata x-xiehda bl-affidavit ta` **Barbara Terrigno** – direttur tas-socjeta` attrici. Kopja ta` din ix-xiehda kienet

ipprezentata fil-kawza tal-lum (ara fol 115 sa 116).

**<u>Fil-qosor</u>**, Ferrigno xehdet illi meta Mario Benincasa ried jibda negozju mas-socjeta` attrici, din kienet disposta tghaddilu x-xoghol, b`dan illi l-propjeta` tax-xoghol tibqa` tas-socjeta` attrici, billi ma setax ighati garanzija tajba tal-pagament. Biex tigi superata l-kwistjoni tal-garanzija, fil-bidu ftehmu ma` Benincasa li IFIX taghti plegg tal-ishma ta` IFIX u li ssir skrittura prvata bejn is-socjeta` attrici u IFIX. L-iskrittura hija id-Dok BF1 datata 4 ta` Lulju 2008 (fol 117 sa fol 130). Fis-sostanza kien patwit li IFIX tircievi x-xoghol 'on consignment' u hekk kif isir il-bejgh tax-xoghol go Malta, IFIX issir debitrici tas-socjeta` attrici. Billi l-plegg tal-ishma ma kienx meqjus bhala garanzija tajba, saret l-iskrittura tat-8 ta` April 2009. Ix-xoghol inbaghat lil IFIX kopert b`fatturi fiskali, fejn kien indikat il-kodici tad-dwana, il-piz, il-kwantita` u l-valur. Maghhom hargu s-CMR notes. L-iskrittura tat-8 ta` April 2009 saret ghaliex IFIX sabet ruhha fi problemi biex thallas. In segwitu kien hemm qbil illi x-xoghol kollu li baqa` mhux mibjugha jittiehed lura mis-socjeta` attrici. Ghalhekk is-socjeta` attrici baghtet in-nies taghha u anke trakk biex jingarr ix-xoghol lura lejn l-Italja. Ghalkemm kien identifikat ix-xoghol li kien lest biex jintbaghat, l-ispedizzjoni baqghet ma saritx wara l-intervent ta` Jovan Mizzi. Ix-xhud taghlaq hekk :

*In conclusion, I confirm that the goods of which an inventory was completed at IFIX premises by our personnel in 20/22 May 2009 are our property, and these had to be repatriated to Reggio Calabria. I also confirm that to be able to supply IFIX with goods, Mediterranea was obliged to issue as a formality 'invoices' within the ambit of the requirements of Italian and Intercommunity Law/Trade ; but these did not affect the legal commercial relationship between us.*

**7.** L-istess xhud wiegbet ghal domandi li saru mill-konvenut.

Qalet illi s-socjeta` attrici fil-fatt kienet ghaddiet 'computer' u 'software' lil IFIX. Fissret a fol 1451 u 1452 illi :

*Il-kuntratt li ahna ffirmajna ma` IFIX kien mahsub sabiex ahna nikkonsenjaw il-prodotti taghna lil IFIX u mbaghad IFIX kellha terga` tbieghha lill-pubbliku Malti. Kollox sew biex taghmel dan IFIX kellha jkollha kollegament dirett mal-imhazen taghna li qeghdin Bovalino jigifieri l-mahzen li qieghed il-Calabria, ghaliex ahna kellna naraw li huwa kien qed ibiegh il-prodotti kienu taghna, ghalhekk inghata computer u software. Iva, hemm computer li nghata ghal uzu, u ahna stess morna biex narmaw dan il-computer …*

*kien hemm zewg sistemi li IFIX setghet tuza, kien hemm is-sistema li jintuza fil-cash register li huwa sistema Malti ghaliex it-taxxa li tithallas hija Maltija, u dik kienet propjeta` tal-IFIX, u s-sistema l-iehor li ahna tajba lil IFIX,*

*dan inghata biex isiru l-ordnijiet, u dan kien jigi wzat ghaliex ahna kellna naraw il-bejgh li kienet qed taghmel IFIX, u s-Sinjura Giovanna u l-impjegati kollha tal-IFIX kellhom juza dan is-sistema sabiex jikkontrollaw jekk il-prodotti kienux disponibbli fl-istock u wara ahna konna nibghatu l-merkanzija, jiena nahseb li dan is-sistema kien qed jintuza ghaliex kieku, kieku lanqas seta` jsir xi bejgh ghaliex dan huwa s-sistema bazilari, u mabghad hemm is-sistema tal-bejgh li huwa xi haga ohra ghaliex jirrigwarda l-ligi tat-taxxa.*

Kompliet tixhed illi huma ta` kuljum kienu jibghatu rendikont tal-bejgh lil Charles Farrugia ta` IFIX sabiex dan jaghmel il-pagament. L-'invoices' kienu jkopru l-konsenji li kienu jibghatu.

Qalet illi l-kliem 'on consignment' ma jirrizultawx fil-ftehim tat-8 ta` April 2009 ghaliex dak kien ftehim li kien intiz sabiex jaghti rikonoxximent tad-dejn li IFIX kellha ma` s-socjeta` attrici. Li l-merkanzija kienet 'on consigment' ma jirrizultax minn dak il-ftehim izda mill-ftehim li kien sar qabel dak.

Kompliet tghid illi fl-'invoices' ma kien hemm l-ebda riferenza ghall-'on consignment'. Ghalkemm il-ftehim kien ghal provvista ta` merkanzija 'on consignment', huma ma setghux johorgu 'invoices' diversament.

Qalet illi meta IFIX kienet tbiegh il-prodott taghhom gewwa Malta, hija kienet tibghat lis-socjeta` attrici l-prezz indikat fl-'invoice' minghajr il-VAT.

**8.** Xehed **<u>Paul Scicluna</u>** mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Qal illi meta negozjant ta` pajjiz membru tal-UE jibghat prodott Malta biex jinbiegh go Malta minn negozjant Malti, liema prodott jibqa` propjeta` tieghu sakemm jinbiegh, ikun legalment obbligat li jkollu VAT No Malti sabiex il-bejgh ikun jista` jsir. Jekk il-prodott jigi minn barra, u jkun registrat fuq il-VAT No tan-negozjant Malti, ghad-Dipartiment tal-VAT ikun ifisser li kien hemm 'change of ownership'. F`dan l-istadju ma tithallasx VAT. Il-VAT trid tithallas meta l-prodott jinbiegh lill-konsumatur go Malta. Sakemm il-prodott jibqa` tan-negozjant, il-VAT ma tithallasx ghalkemm tkun dikjarata lid-Dipartiment. Jekk prodott jintbaghat minn Malta lura lejn in-negozjant li jkun baghtu Malta, dik is-supply tkun VAT exempt.

Ix-xhud kien muri d-dokument a fol 1035. Skond ix-xhud dik hija 'tax invoice' u cioe` ghad-Dipartiment tfisser li socjeta` ta` pajjiz membru tal-UE akkwistat minn socjeta` ta` pajjiz iehor membru. Skond id-dokument a fol 1035, jidher li kien hemm 'change of ownership'. It-'tax invoice' hija l-prova li kien hemm bejgh. X`kienet ir-relazzjoni legali bejn il-partijiet, ix-xhud ma setax ighid. Huwa kien qed jixhed fuq id-dokument.

**9.** Xehed **<u>Charles Farrugia</u>** li kien 'nominee director' ta` IFIX qabel is-socjeta` kienet xjolta bi provvediment tal-Qorti. Il-kompitu partikolari tieghu kien li, fuq struzzjonijiet tal-'beneficial owner' tas-socjeta` li kien Mario Benincasa, jiehu hsieb l-'accounts', l-'istock records', l-amministrazzjoni, u l-hlas tal-kredituri.

Xehed dwar x`jigri meta l-merce tkun 'on consignment' :

*… li kieku kienu on consignment suppost jaghmlu l-consignment note, delivery note li l-affarijiet qeghdin jigu delivered Malta mbaghad meta jinbieghu ssir return ohra mill-kumpannija fejn bieghet dawn l-items u tohrog invoice fuq dawk l-affarijiet li gew mibjugha …*

Qal illi fil-kaz tal-lum, is-socjeta` attrici dejjem harget l-'invoice' sa mill-ewwel konsenja. Bhala konsenji li kienu 'invoiced', is-socjeta` attrici baghtet valur ta` €2.6 miljun. Mill-'invoices', thallsu €1.2 miljun ; il-bilanc baqa` dovut minn IFIX.

Stqarr illi huwa kien firmatarju tal-ftehim originali li sar bejn is-socjeta` attrici u IFIX fl-4 ta` Lulju 2008.

Fisser illi bhala hlas lura lis-socjeta` attrici tal-merce provduta, IFIX qatt ma hallset lura tal-prodott skond il-kwantita` li tkun irceviet.

Qal illi s-socjeta` attrici kienet tibghat 'invoice' ; meta IFIX kienet thallas 'on account', il-bilanc li kien ikun ghadu dovut kien ikun ikkonfermat mill-awditur taghhom. Ighid li s-socjeta` attrici qatt ma tathom rendikont ta` x`tathom u ta` kellhom ihallsu lura ; huma dejjem imxew fuq l-'invoice'.

Ix-xhud jinsisti li kull konsenja kienet tkun koperta minn 'invoice'.

Qal illi l-'invoices' kollha li IFIX irceviet sal-5 ta` Awissu 2010 thallsu kollha.

Sostna li l-'appliances' li kienu koperti b`'invoice' huma prova li dawk l-'appliances' fil-fatt inbieghu lil IFIX mhux li kienu ghand IFIX 'on consignment'. Del resto – skond Farrugia – hekk kien fil-fatt il-kaz. Il-prezz indikat fl-'invoice' huwa l-prezz li bih IFIX xtrat l-oggetti minghand is-socjeta` attrici. L-invoices

esebiti kollha jsegwu l-istess ‘pattern’. Il-hlas kien isir permezz ta` pagamenti akkont ; kienet tinqata` l-‘invoice’. Il-prezz tal-bejgh lill-konsumatur li kienet taghmel IFIX kien ikun differenti ghaliex mal-prezz li bih IFIX kienet tixtri kienet izzid l-ispiza tal-‘freight’, il-‘profit margin’ taghha, u l-VAT. Meta tbiegh lill-konsumatur, IFIX kienet tohrog ricevuta fiskali bil-VAT number taghha.

Kompla jinsisti li bl-‘invoices’ li baghtet is-socjeta` attrici, l-oggetti ndikati nbieghu lil IFIX. Fuq l-‘invoices’, meta kien jitnizzel, kien ikun indikat in-numru tal-VAT tas-socjeta` attrici. Ladarba kien qed isir negozju bejn zewg stati membri tal-UE, il-prezz tal-hlas li kien isir lis-socjeta` attrici ma kienx jinkludi l-VAT. Il-VAT kienet tigbru IFIX meta tbiegh lill-konsumatur. Jispetta mbaghad lill-ufficcji fiskali taz-zewg pajjizi membri biex jirregolaw bejniethom il-materja.

Kompla jghid hekk (a fol 1341) :-

*Mela jien qed nghid hawn isma minn dawk l-invoices li l-IFIX Trade kienet gja hallset lil Mediterranea kien ghad baqa` skoss affarijiet li ma kienux inbieghu jigifieri mhux veru konna qed nahjdmu on consignment infatti kienu mhallsin imma kienu ghadhom fl-istore.*

Qal illi l-oggetti li nbieghu fl-irkant mill-istralcjarju kienu oggetti li kienet xtrat IFIX minghand is-socjeta` attrici mhux li kienu ghand IFIX ‘on consignment’.

Fil-**kontroezami**, Farrugia xehed illi huwa qatt ma ghamel ‘stock take’ bhala direttur ta` IFIX. Mario Benincasa kien imexxi IFIX. Ghalkemm huwa kien direttur, kien jimxi fuq struzzjonijiet ta` Benincasa. Rigward il-ftehim tad-9 ta` April 2009, huwa qaghad attent illi fil-ftehim ma jinghadx illi l-merkanzija kienet ghand IFIX ‘on consignment’ ghaliex fil-fatt ma kenitx ‘on consignment’. Fil-ftehim kienu nkluzi zewg ammonti ; ammont minnhom kien merce li kienet inxtrat ; u ammont iehor ghal ‘stocks’ li ma nbieghux. Il-hsieb kien illi jaraw xi ‘stocks’ kien hemm sabiex is-socjeta` attrici tidhol bhala azzjonista ta` IFIX biex din issalva ; hekk kien id-diskors. Il-hsieb pero` ma kienx rifless fil-kitba tal-ftehim. Il-hsieb kien illi jaraw xi ‘stocks’ kien hemm, sabiex jekk is-socjeta` attrici tohodhom lura, dawn jitnaqqsu mill-kont, qishom thallsu ‘on account’. Is-socjeta` attrici kienet sejra tixtrihom lura. Ix-xhud ighid a fol 1353 :-

*Ahna l-intenzjoni kienet riedu jaraw x`hemm mibjugh u x`hemm mhux mibjugh issa fil-kaz li sar arrangament jien naf anke li ha jiehdu parti mill-‘stocks’ lura ghax jafu li mhumiex daqshekk tajbin u jirriplacjawhom b`ohrajn, tkun taf ezatt x`se tibghat u tohrog credit note min-naha taghhom biex jiehduhom lura imma mhux, infatti jiena bqajt ninsisti u mhux qeghda fl-agreement li ma jsirux on consignment ghax jien dik qatt ma stajt naccetta li jkunu on consignment.*

Kompla jixhed illi hu u l-avukat tieghu Dott. Jean Carl Farrugia qatt ma accettaw li dment li s-socjeta` attrici ma ssirx azzjonista ta` IFIX, is-socjeta` attrici ma kellhiex tiehu lura l-'stocks' li ma kienux inbieghu, meta s-socjeta` attrici tibghat in-nies taghha. Bil-miktub ma kien hemm xejn li s-socjeta` attrici kienet sejra ssir azzjonista ta` IFIX.

Stqarr illi s-socjeta` attrici dahqet bihom ghaliex meta l-'stock' ta` IFIX kien naqas sewwa tant li spiccaw ma kellhomx xi jbieghu, ghalkemm is-socjeta` attrici accettat li tibghat zewg 'trailers' bix-xoghol jekk IFIX taghmel hlas akkont, it-'trailers' baqghu ma gewx ghalkemm l-akkont thallas.

Fisser illi meta gie Malta, Francesco Iozzi ma kienx awtorizzat minnu li seta` fit-trakkijiet ix-xoghol li kien ippakkja.

Dwar il-ftehim tat-8 ta` April 2009, ix-xhud insista li s-€700,000 li ssemmew kienu flus dovuti u provenjenti minn 'stocks' li nbieghu ; il-bqija kienu l-flus ta` 'stocks' ohra li ma kienux ghadhom inbieghu. Kollox kien kopert b' 'invoice'

**10.** **<u>Av. Dr. Jean Carl Farrugia</u>** xehed li wara l-ftehim tat-8 ta` April 2009 IFIX ma hallsitx lis-socjeta` attrici l-ammonti li kienu miftehma maghha. Billi beda jirrizulta li IFIX ma kenitx f`qaghda li thallas id-djun taghha, mhux biss lejn is-socjeta` attrici izda anke lejn kredituri ohra, *jiena tajt parir lid-direttur biex ma jaqbadx ui jqassam u jaghti lura ebda merkanzija lil hadd, u lanqas lil Mediterranea, in vista tal-fatt ta` responsabilita` anke li jista` jkun hu bhala direttur, li jekk jaqbad u jippreferi kreditur fuq iehor* (ara fol 1482).

Dwar l-'on consigment' xehed hekk (fol 1482) :-

*Jiena ma kontx involut f`diskussjonijiet fejn gie diskuss in-natura tal-merkanzija. Li naf illi kien hemm agreement illi gie ffirmat fl-2008 bejn is-socjeta` attrici u IFIX Trade Limited, kuntratt li gie registrat l-Italja li jiena ma kontx involut fih, kien iffirmah is-Sur Farrugia, illi kien jitkellem propju fuq on consignment supply of merchandise. Pero` in vista tal-fatt illi minn dak illi qalli Charles Farrugia kienu qed johorgu invoices, allura hemmhekk jien tajt il-parir li nonostante dak l-agreement, ma jinghatax lura l-merkanzija ghax kien hemm possibilment sale of goods u mhux consigment pero` ma nafx x`kien id-disgwid u l-partijiet bdew jikkontendu. Jiena ghalija kienet cara li jekk l-agreement originali kien qieghed on consignment pero` fil-fatt meta gie supplkied l-affarijiet ma kinux qed isiru on consignment, mela allura l-affarijiet kellhom jibqghu kif kienu …*

11. **Ruth Montebello** xehdet li kienet impjegata l-audit firm ta` Charles Farrugia. In partikolari kienet tiehu hsieb l-'accounts' tal-IFIX. L-'invoices' kienu jghaddu ghandha u hi tiehu hsieb il-hlasijiet. Qalet illi fl-ufficcju taghha qatt ma kellha 'computer' jew 'software' tas-socjeta` attrici. IFIX kienet topera qabel dahlet fix-xena s-socjeta` attrici. Kienet taf li bejn iz-zewg partijiet kellhom jahdmu fuq bazi ta` 'on consignment' fis-sens abbazi ta` 'delivery notes'. Hekk kif mal-ewwel konsenja bdew gejjin 'invoices' hija ghamlet 'query'. Minkejja dan, hija kellha struzzjonijiet minghand Benincasa biex thallas fuq l-iskorta tal-'invoice'. Qatt ma kellha xi dokument iehor hlief 'invoice'. Ghalija 'invoice' kien ifisser li kien hemm bejgh mhux li kien hemm 'on consignment'.

**b) Konsiderazzjonijiet**

**i) Konflitt ta` verzjonijiet**

Sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici, trid tirrizulta l-prova li l-prodotti li nbieghu mill-konvenut, u li gabu rikavat ta` €173,519.98, kienu propjeta` tas-socjeta` attrici, mhux ta` s-socjeta` IFIX. Dwar il-propjeta` tal-oggetti, hemm konflitt car fil-verzjonijiet illi taw iz-zewg persuni li, certament aktar minn ohrajn, setghu jelucidaw lill-Qorti, u cioe` Barbara Ferrigno, amministratrici tas-socjeta` attrici, u Charles Farrugia, li kien direttur ta` IFIX, qabel ix-xoljiment gudizzjarju taghha. Minn naha wahda, Ferrigno tghid li l-oggetti kienu ghand IFIX 'on consignment' u invokat favur is-socjeta` attrici l-kuntratt tal-4 ta` Lulju 2008 (a fol 117 sa fol 130), filwaqt illi Farrugia jsostni li kien hemm x`kien hemm mitkub fil-kuntratti, l-oggetti kienu nbieghu lil IFIX mhux kienu ghandha 'on consignment' kif jirrizulta evidenti mill-fatt illi s-socjeta` attrici sa mill-bidu nett ghamlet uzu ta` 'invoices' biex tghaddi x-xoghol lil IFIX mhux 'delivery notes' ; l-'invoices' huma prova ta` 'change of ownership' – skond Farrugia.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – **PA/TM** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – **PA/PS** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – **PA/CC** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –

*"Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)"*

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

*Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*... Iżda dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu*

*l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

**ii) Il-kuntratt tal-4 ta` Lulju 2008**

Meta ftehim bejn persuni jsir kif trid il-ligi, kemm ghal dak li huwa sostanza kif ukoll ghal dak li hija forma, dak il-ftehim isir ligi bejn il-partijiet. U ftehim li jsir skond il-ligi jista` jithassar jew jinbidel biss bi ftehim iehor bejn l-istess partijiet.

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta` Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **"Beacon vs Spiteri Staines"** jinghad hekk –

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda.*

Skond l-**Art 993 tal-Kap.16** –

*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi."*

(ara : "**Depares noe vs O` Dea noe**" : Appell : 25 ta` Gunju 1996).

Ghalhekk f`kull ftehim l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista' jkun *buon* sens) u l-kuntratti ghandhom ikunu nterpretati *in bona fede* (ara : "**Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et**" : PA/WG : 30 ta` April 1987).

Fil-kaz tal-lum, jidher illi r-relazzjoni bejn is-socjeta` attrici u IFIX twieldet bil-kuntratt tal-4 ta` Lulju 2008 (a fol 117 sa fol 130).

Minn esami tad-drittijiet u l-obbligi li jemergu minn dan il-ftehim, ma ghandux ikun hemm dubju li dak ma kienx kuntratt ta` bejgh ta` merkanzija, izda kuntratt *on consignment.*

Infatti fil-kuntratt ma jirrizultax bejjiegh u xerrej izda *affidante* (is-socjeta` attrici) u *affidatario* (IFIX).

Skond il-ftehim, IFIX kellha ssir *rivenditore affiliato Euronics Point* b`dan illi *l`affidatario dichiara tuttavia di non intendere acquistare i beni che l`affidante avrebbe voluto vendere all`ingrosso sul mercato maltese, rendendosi, comunque, disponibile a constituire presso la propria azienda un deposito delle*

*tipologie di prosdotti specificati nel presente contratto, affinche` possa offrirli alla propria clientela, mediante esposizione nei propri locali commerciali, obbligandosi a corrispondere all'affidante il prezzo della merce venduta al pubblico dei consumatore, il tutto secondo la formula commerciale del contratto estimatorio nella prassi chiamato anche "conto deposito".*

**iii) "<u>On consignment</u>"**

Fis-sentenza taghha tat-18 ta` Frar 1965 fil-kawza **<u>"Ruggier et vs Refalo"</u>** (Kollez. Vol. XLIX.III.1128) il-Qorti tal-Kummerc abbraccjat l-enuncjazzjoni li kienet ghamlet l-istess Qorti fis-sentenza taghha tas-26 ta` April 1951 fil-kawza **<u>"Vassallo noe vs Caruana"</u>** (Kollez. Vol. XXXV. III.574) illi –

*"il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci on consignment huwa kuntratt mhux ta' bejgh imma pjuttost ta' kummissjoni u ghalhekk il-kreditur ghandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx"*

Fis-sentenza "**<u>Vassallo noe vs Caruana noe</u>**" (ara l-paragrafu ta` qabel) kien ipprecizat illi meta jsir bejgh *on consignment* il-parti li tircevi l-mercja ma ssirx il-proprjetarja ta' dik merkanzija, bhal ma jigri f'kaz ta' bejgh, izda ghandha biss minn natura ta' depozitarju bl-obbligu li, mal-bejgh ta' dik il-merkanzija lill-terzi persuni bil-prezz minnha konvenut ma` dawk it-terzi, thallas lid-depozitant il-prezz originarjament konvenut ghal dik il-merkanzija hekk mibjugha.

**iv) <u>Il-posizzjoni tas-socjeta` attrici</u>**

Tul il-kors tal-kawza, is-socjeta` attrici baqghet tinsisti li r-relazzjoni guridika taghha ma` IFIX qatt ma nbidlet fis-sens illi baqghet dik ta` spedizzjoni ta` merci *on consignment.*

**v) <u>Il-posizzjoni ta` IFIX</u>**

Fix-xiehda tieghu, Charles Farrugia, filwaqt illi jirrikonoxxi li r-relazzjoni guridika tas-socjeta` attrici ma` IFIX twieldet bil-kuntratt tal-4 ta` Lulju 2008, li tieghu huwa kien firmatarju, u filwaqt li jaccetta li skond dak il-kuntratt is-socjeta` attrici ma kenitx venditrici tal-merkanzija u lanqas IFIX il-kompratrici, isostni li bil-fatt illi l-merkanzija bdiet tintbaghat koperta b`invoice, ifisser li r-relazzjoni gurdika nbidlet ghal wahda ta` kompravendita u mhux aktar ta` *on*

*consignment* u kwindi skond – Charles Farrugia – l-ammont mertu ta` din il-kawza ma jappartjenix lis-socjeta` attrici izda lil IFIX.

**vi) Il-kuntratt tat-8 ta` April 2009**

**Dan kien id-dokument principali li pprezentat is-socjeta` attrici mar-rikors guramentat sabiex issostni l-istanza taghha.**

Qabel taghmel l-osservazzjonijiet taghha, il-Qorti tirrileva illi skond l-**Art 1002 tal-Kap 16**, fejn il-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt huwa car, ma hemmx lok ta` interpretazzjoni **("Spiteri vs Borg"** – **PA/RCP** – 30 ta` Novembru 2000 ; u **"Borg vs Xuereb"** – Appell Civili – 30 ta` Marzu 1997).

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju 1952 fil-kawza **"Morana vs Spiteri et"**, il-Qorti tal-Appell sostniet li bhala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub (*contra scriptum testimonium non fertur*) pero` din mhijiex regola assoluta. Infatti kien ritenut li r-regola ma tapplikax f`dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni. Kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt. Imbaghad il-Qorti kompliet hekk –

*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta` bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f`dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f`dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali ...*

*2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu delucidati punti oskuri ta` kitba jew f`xi kazi ta` impunjazzjoni ta` dik il-kitba izda l- provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga` car ...*

*3. Ir-regola li kontra l-prova miktub ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti lit kun espressa b`mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma` l-att ...*

*4. Il-principju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm, zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali ...*

Dan premess, il-Qorti tosserva illi fil-kuntratt tat-8 ta` April 2009, ma hemm l-ebda riferenza ghall-kuntratt tal-4 ta` Lulju 2008. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li ma kienx hemm din ir-riferenza mhuwiex cirkostanza incidentali izda jsostni dak mistqarr minn Charles Farrugia illi ghalkemm il-kuntratt tal-4 ta` Lulju 2008 ighid dak li ighid, fil-fatt baqa` ma thaddimx sa mill-bidu nett kif kien patwit originarjament ghaliex sar bejgh tal-merce mhux spedizzjoni *on consignment* tant li kollox sar tramite 'invoice'.

Is-socjeta` attrici ma tikkontestax li baghtet ix-xoghol bl-'invoice'. Fl-istess waqt gabet `il quddiem bhala skuzanti ragunijiet fiskali interni fl-Italja. Il-Qorti pero` baqghet sprovvista minn provi precizi u konklussivi li jsostnu l-posizzjoni tas-socjeta` attrici.

Jibqa` l-fatt illi l-uzu tal-'invoice' fir-regim fiskali senjatament fil-VAT ghandu sinjifikat preciz kif kien imfisser b`mod esawrienti minn Paul Scicluna mid-Dipartiment tal-VAT.

Sinjifikattiva wkoll kienet ix-xiehda ta` Ruth Montebello li eskludiet ghal kollox li fil-'handling' tal-'account' tas-socjeta` attrici vis-à-vis IFIX kien hemm negozju fondata fuq spedizzjonijiet ta` merce 'on consignment'. Anzi x-xhud kienet kategorika u insistiet li hawn si trattava ta` bejgh.

Il-Qorti ssib konferma ta` dawn ir-rilievi naxxenti mill-provi f`dak li nkiteb fil-paragrafi (i) u (ii) tal-kuntratt (ara fol 50).

Minkejja l-insistenza tas-socjeta` attrici li l-ispedizzjonijiet tal-merci lil IFIX kienu *on consignment,* fil-paragrafu (i) jinghad hekk :-

*In virtue of this present agreement, the Debtor* (u cioe` IFIX) *hereby acknowledges and accepts that it is a debtor of the Creditor* (u cioe` is-socjeta` attrici) *for the amount of 700,000 Euros, representing the price of goods* ***<u>sold</u>*** *by the creditor to the debtor. This amount of 700,000 Euro is certain, liquid and due and represents goods* ***<u>sold</u>*** *and delivered to the debtor and in turn sold to third parties* (enfasi u sottolinear tal-qorti).

Ghal din il-Qorti, l-uzu tal-kelma '**<u>sold</u>**' ghandha tifsira fattwali u legali preciza li ma taghti lok ghal ebda ekwivoku.

Il-Qorti tkompli tinsisti li l-paragrafu (ii) **<u>ghandu jinqara flimkien</u>** mal-paragrafu (i) :

*Moreover the debtor acknowledges that the creditor has delivered to the debtor`s warehouse in Marsa, Malta goods having the value of circa 535,139.50 Euro (which amount shall be determined accureately following a stock take of the said goods to be carried out by the creditor and the debtor not later than the 21st April 2009). The debtor is to fully co-operate with creditor`s representative in any stock taking exercise.*

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, din il-Qorti tghid illi bil-fatt li skond il-paragrafu (ii) IFIX suppost kellha merce b`kemm jiswew €535,139.50, ma jfissirx li dik il-merce kienet ghandha *on consignment.* Il-Qorti gharblet il-bqija tal-kuntratt u ma ssib xejn fih li jwassalha biex tikkonkludi li dik il-merce ma kenitx mibjugha izda kienet *on consignment.*

Bil-fatt illi skond il-paragrafu (ii) is-socjeta` attrici kienet lesta tiehu lura l-merce konsenjata ifisser li s-socjeta` attrici, kostatat il-fatt li kien hemm merce mhux mibjugha, uriet id-disponibilita` li tiehu lura l-merce sabiex il-kreditu taghha ma jkomplix jikber. Dan izda ma jfissirx li l-merce ma kenitx mibjugha lil IFIX izda kienet *on consignment.*

**Abbazi tal-assjem tal-provi, il-Qorti tghid illi t-tieni talba mhijiex ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi ; ghalhekk filwaqt li qeghda tilqa` l-hames u s-sitt eccezzjonijiet qeghda tichad it-tieni talba.**

**V. <u>It-tielet talba</u>**

Huwa evidenti li t-tielet talba tistrieh ghal kollox fuq l-akkoljiment tat-tieni talba.

Ladarba kienet respinta t-tieni talba, ghandha tkun rigettata t-tielet talba li maghha kienet marbuta.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet li baqghu mhux decizi bis-sentenza taghha tas-16 ta` Lulju 2012, billi :-**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni.**

**Tichad l-ewwel talba.**

**Tichad it-tielet eccezzjoni.**

**Tilqa` r-raba` eccezzjoni fejn din tolqot il-mertu tat-tielet talba.**

**Tilqa` l-hames u s-sitt eccezzjonijiet.**

**Tichad it-tieni talba fil-mertu.**

**Tichad it-tielet talba.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**